# Statut
# Tal-
# BIRZEBBUGA AQUATIC & SPORTS CLUB

## L-Ewwel Taqsima. Isem u Ghan

1 Din l-organizzazzjoni ghadha tkun maghrufa bhala BIRZEBBUGA AQUATIC & SPORTS CLUB. ***( Amendat 06.04.14)***

*2* L-ghan tal-Club huwa li jinkoraggixxi u jmexxi l-isports f'Birzebbuga, kemm dak akwatiku kif ukoll kull sport iehor. Ghalhekk il-club ghandu jissieheb f'kull Federazzjoni Nazzjonali u Internazzjonali li l-kumitat ihoss li jkun ta' ghajnuna ghal dan il-ghan. Fost dawn hem l-Aquatic Sports Association (ASA) ta' Malta ***(Amendat 17.04.16)***

3 (1) Dan il-Club ma jista jkollu l-ebda affiljazzjoni politika. ***( Amendat 06.04.14)***
(2) L-organizzazzjoni hija ghaqda volontarja u li ma taghmilx profit, kif definit fl-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji ( Kapitlu 492 tal-Ligijiet ta' Malta). ***(Amendat 06.04.14)***

## It-Tieni Taqsima Tmexxijja

4 Il-Club ghandu jkun immexxi minn kumitat maghmul minn mhux anqas minn sebgha (7) u mhux aktar minn disa (9) membri. ( amended 29.09.02)

5 Dawn il-membri ghandhom jigu mahtura fil-Laqgha Generali Anwali skond il-provedimenti ta' dan l-istatut.

6 Fl-ewwel laqgha tieghu il-kumitat ghandu jahtar minn fost il-membri tieghu dawn il-karigi:

President
Vici President
Segretarju
Kaxxier
Direttur tal-Club

Jistghu jinhatru wkoll ufficjali ohra skond il-htiega tal-Club minn zmien ghal zmien ghat-tishih ta' l-ghanijiet tal-Club.

7 Ir-rapprezentanza legali tal-Club ghandha tigi ezercitata mill-president u s-segretarju fl-imkien. Kull kuntratt jew document iehor li jorbot lill-Club ghandu jkun iffirmat f-isem l-istess club minn dawn iz-zewg persuni. Il-Kumitat jista' wkoll japponta minn zmien ghal zmien persuna u/jew persuni ohra biex jiffirmaw kull document f'isem il club.

8 Il-Club jista' wkoll ikollu presidenti onorarji li jinhatru biss f'Laqgha Generali Anwali bl-approvazzjoni ta'zewg terzi tal-membri prezenti.

9 Kull sena terz tal-membri tal-kumitat iridu jigu mahtura mill-Laqgha Generali Annwali. Il-membri tal-kumitat ghandhom izommu posthom mill-Laqgha Generali ta'meta nhatru ghal tliet snin, sakemm huma ma jirrizenjawx jew jigi mnehhija qabel ma jeskadi dan il-perjodu. Is-sekwenza ta' l-ewwel elezzjonijiet wara li ghaddiet din l-amenda giet deciza fil-Laqgha Generali tal-2014. ***( Amendat 06.04.14)***

10 Il-Kumitat ghandu jirrezenja jekk jinghata vot ta' sfiducja f'Laqgha Genrali, kemm jekk tali laqgha tkun wahda anwali jew straordinarja.

11 Meta l-kumitat jirrezenja ghall-kwalunkwe raguni, il-President, Segretarju w l-kaxxier ghandhom izommu l-kariga taghhom sakemm jinhatar kumitat gdid, u dan sabiex ikunu jistghu jmexxu x-xoghol ordinarju tal-Club u l-elezzjoni tal-Kumitat il-gdid.

12 Il-Kumitat ghandu l-obligu u l-jedd li jiddeciedi fuq kull kwistjoni li ma hiex riservata ghall-laqgha generali u/jew li m'hemm l-ebda provediment f'dan l-istatut.

13 Il-kumitat ghandu dritt li jidhol ghal kull tip ta'negozju li jkun ikkonsidrat li hu ta' vantagg finanzjarju ghall-club basta jkun konformi mal-Att tal-Organizzazzjonijiet Volontarji Artiklu 38(4) kif inhi il-lum jew kif tista tigi emendata. ***( Amendat 06.04.14)***

14 Il-kumitat ghandu wkoll id-dritt li jidhol f'kull tranzazzjoni finanzjarja, inkluz self, li tkun meqjusa li hu ghal gid tal-club.

## It-Tielet Taqsima L-Istatut

15 Dan l-istatut ghandu jirregola ir-relazzjonijiet bejn il-Club u terzi, kif ukoll bejn l-istess membri tal-club.

16 Kull emenda f'dan l-istatut trid tkun proposta bil-miktub minn tal-inqas hames membri lill-lqagha general u approvata minn tal-inqas tliet kwarti tal-membri prezenti f'dik il-laqgha.

17 Kull emenda proposta ghandha tasal ghand is-segretarju tal-inqas tliet ijiem qabel id-data tal-laqgha u mwahhla fin-Notice Board ghall-informazzjoni tal-membri kollha.

18 Jekk xi klawsola f'dan l-istatut tkun difettuza ghal kwalunkwe raguni, din ma thasarx il-validita tal-kumplament ta' dan l-istatut.

19 Kull kwistjoni dwar interpretazzjoni fl-istatut ghandha tigi riferuta lill-kunsulent legali tal-Club u d-decizjoni tieghu hija finali.

## Ir-Raba Taqsima Il-Kumitat tat-Tmexxija

20 Il-Kumitat ghandhu jkun responsabbli ghat-tmexxija kollha tal-club u l-protezzjoni tal-assi tieghu.

21 Il-kumitat ghandu jirregola hu kif , fejn, u meta jiltaqa'. Biss ghandha tinzamm tal-inqas laqgha wahda f'kull xahar kalendarju.

22 L-ebda decizzjoni ma tista tittiehed mill-kumitat jekk ghall-laqgha ma jkunx hemm tal-inqas hames membri prezenti.

23 Kull membru tal-kumitat li jonqos li jattendi ghal tliet laqghat f'perjodu ta' sena minghajr ragunijiet validi, jitlef awtomatikament postu fl-istess kumitat u ma' jkollux dritt ghal re-elezzjoni fil-laqgha general li jmiss.

24 Kull deliberazzjoni tal-kumitat ghandha titqies bhala kunfidenzjali u l-ebda membru tal-kumitat ma jista jizvela x'intqal jekk mhux bil-permezz specifiku tal-kumitat. Kull membru li kontrih jigi ppruvat ksur ta' dan ir-regolament ghandu jitkecca mill-kumitat b'effett immedjat.

25 Id-decizzjonijiet tal-kumitat jittiehu b'maggoranza semplici.

26 Kull membru ghandu vot wiehed.

27 K'kaz ta' pariggg fil-voti, il-president ghandu jkollu t-tieni vot, dak ta'sparigg (casting vote)

28 Kull votazzjoni ghandha ssir bil-wiri ta' l-idejn jekk ma jkunx hemm talba minn xi membru biex din issir sigrieta.

29 Meta xi decizzjoni tkun tolqot xi membru tal-kumitat u/jew membri tal-familja tieghu, il-votazzjoni ghandha ssir dejjem b'mod sigriet.

30 Kull laqgha tal-kumitat ghandha tigi avzata lill-membri tal-inqas sebat-ijiem qabel, preferibilment bil-miktub u tkun tinkludi wkoll l-agenda.

31 Ir-risponsabilta tat-tmexxija sewwa tal-laqghat hija tal-president. Fl-assenza tieghu dan l-obligu jaqa fuq il-vici president u s-segetarju f'din l-ordni.

32 Is-segretarju ghandu jzomm minuti korretti ta' kull laqgha li tinzamm. Fl-assenza tieghu dan l-obligu jaqa' fuq il-vici president jew xi membru iehor mahtur ghal din ir-raguni mill-kumitat.

33 Kull vakanza fil-kumitat ghandha tintela minn persuni li gabu l-aktar voti fil-laqgha generali minn dawk li ma gewx eletti. Jekk l-ebda persuna minn dawn il-kandidati ma taccetta n-nomina, il-kumitat ikun jista jinnoma persuna li jidirlu hu.

33.1 Ma hemm xejn li jzomm lill-kumitat li jikkumpensa b'mod gust lill-kull min jipprovdi servizz lill-club, inkluz jekk ikun membru tal-istess kumitat. Meta jkun ser jigi discuss dan is-suggett, il-persuna involuta trid tintghalab li tirtira mil-laqgha sabiex ikun hemm diskussjoni hielsa. Decizjoni bhal din irid ikollha l-appogg ta' mhux anqas minn-75% tal-membri tal-kumitat (eskluz il-membru involut). ***(Amendat 17.04.16)***

## Il-Hames Taqsima Doveri

34 Id-doveri tal-president jinkludu:

- Raprezentanza tal-Kumitat f-okkazjonijiet ufficjali
- Tmexxija ghaqlija ta'kull laqgha li tinzamm
- Id-dixxiplina tal-membri kollha tal-club
- Rapprezentanza legali fl-imkien mas-segretarju

35 Id-doveri tas-segretarju jinkludu:

- L-organizzazzjoni u l-ghajta ta' kull laqgha
- Iz-zamma tal-minuti
- Iz-zamma tar-registru tal-membri
- Processar ta' kull korrespondenza mill jew lill- club
- Rapperezentanza legali fl-imkien mal-president.

36 Il-kumitat ghandu d-dritt li jvarja d-doveri ta' kull membru tal-kumitat kif u meta jidhirlu hu. Id-doveri specifikati f'paragrafi 34 u 35 huma kkonsidrati ta' mportanza hekk kbira li fl-assenza ta' provedimenti specifici mill-kumitat, il-provedimenti ta' dan l-istatut ghandhom ikunu supremi.

**Is-Sitt Taqsima Finanzi**

37 Il-finanzi tal-club huma r-responsabilta tal-kaxxier.

38 Il-kaxxier ghandu jzomm rekord shieha u korretta tat-transazzjonijiet kollha finanzjarji.

39 Kull xahar ghandu jipprezenta rendikont qasir ta' kull dhul u hrug ta' flus mill-fondi tal-club.

40 Il-flejjes kollha tal-club ghandhom jinzammu f'kont jew kontijiet bankarji kif jiddeciedi l-kumitat.

41 Kull pagament tal-club ghandu jsir permezz ta'cekk iffirmat minn zewg membri tal-kumitat appontati ghal dan il-ghan.

42 Kull pagament tal-club ghandu jkun kopert b'dokument li juri bic-car il-ghan li ghalih ikun sar.

43 Is-sena finanzjarja tal-club ghandha tkun is-sena kalendarja. ***( Amendat AG 2004)***

44 Fiz-zmien xahar mill-gheluq tas-sena finanzjarja il-kaxxier ghandu jipprezenta lill-kumitat rendikont shieh tad-dhul u hrug u l-assi tal-club ghall-approvazzjoni tal-istess kumitat.

45 Wara li dan ir-rendikont ikun approvat mill-kumitat, ghandu jghaddi ghand l-awditur tal-club sabiex dan jghamel il-verifiki kollha necessarji. L-awditur jigi mahtur mill-membri fil-laqgha generali u ghandu jkun persuna li jkollha l-warrant ta' awditur mahruga mill-ministru tal-finanzi.

46 Ir-rapport finanzjarju tal-kaxxier fl-imkien mar-rapport tal-awditur ghandu jigi pprezentat lill-membri fil-laqgha generali.

47 Ghandu wkoll jinzamm registru tal-assi kollha tal-club sabiex jghin fil-kontroll taghhom. Iz-zamma ta' dan ir-registru hija wkoll ir-responsabilita tal-kaxxier.

48 Kull dokument, inkuz il-kotba finanzjarji, ghandhom jinzammu fl-ufficju tal-club jew kull post iehor li jiddeciedi l-kumitat.

**Is-Seba Taqsima Shubija**

49 Is-shubija fil-club ghandha tkun miftuha ghal kull persuna li ghalqet it-tmientax il-sena.

50 Ma jista jkun hemm ebda diskriminazzjoni dwar sess, religjon, politika jew razza fl-ghazla tal-membri.

51 Kull persuna li tikkwolifika ghall-membru tista tapplika lill-kumitat u dan, wara li jifli l-istess applikazzjoni ghandu jiddeciedi fi zmien tliet xhur.

52 Il-kumitat ma jkunx marbut jghati l-ebda raguni ghar -rifjut tieghu li jaccetta persuna bhala membru gdid.

53 Il-mizati tal-membri ghandha tkun dik kif deciza mill-kumitat minn zmien ghall-zmien. Din ghandha tithallas fiz-zmien xahar mid-data tan-notifika lill-membru.

54 Membru li ma jhallasx il-mizata wara t-tieni domanda biex jaghmel dan, ghandu jitnehha mir-registru tal-membri.

55 Irrespettivament ghax xahar li fih jidhol membru, il-mizata ghall-ewwel sena tithallas kollha.

56 Kull membru hu marbut bir-regolamenti ta' dan l-istatut u kull regolament iehor mahrug mill-kumitat minn zmien ghall-zmien.

57 Kull membru hu marbut li jirrispetta lill-membri l-ohra tal-club u kull disgwiet bejn membri ghandu jigi riferut lill-kumitat ghad-decizjoni tieghu li tkun finali.

***58*** Il-membri ghandhom id-dritt li jdahhlu maghhom fil-club il-mistiedna taghhom minn zmien ghall-zmien u ghandhom l-obbligu li jaraw li l-istess mistiedna jirrispettaw lill-membri l-ohra kif ukoll ir-regolamenti tal-club. Kull mistieden irid ikun akkompanjat mill-membru f-kull hin li jkun fil-club.Biss jekk il-mistiednin ikunu jridu juzaw il-facilitatjiet tal-club, li ghall-membri stess huma bi hlas, iridu jhallsu t-tariffa stabilita ghalll-istess uzu, u dan bla ebda skont li jista jkun dovut lill-membri. ***(Amendat 17.04.16)***

59 Membru jista'jitkecca mill-club jekk:

- Jmur kontra r-regolament ta' dan l-istatut jew kull regola ohra mahruga mill-kumitat
- Ma jhallasx il-mizata tieghu wara li jkun mitlub darbtejn bil-miktub
- Jikkawza glied fil-club
- Jikkawza vandalizmu fuq il-propjeta tal-club
- Ixerred xniehat foloz kontra club jew xi membru tieghu

60 Kull kaz ta'tkeccijia quddiem il-kumitat ghadha tigi deciza b'decizjoni semplici u sigrieta.

***61*** ***Imhassra b'emenda 17.04.2016***

**It-Tmien Taqsima Laqgha Generali Anwali**

62 Kull sena ghandha tinzamm laqgha general anwali fejn il-membri kollha jigu mistiedna.

63 Din il-laqgha tinzamm biex tisma u tiddibatti dan li gej:

- Il-minuti tal-ahhar laqgha generali
- Ir-rapport tal-president
- Ir-rapport tas-segretarju
- Ir-rapport tal-kaxxier
- Hatra tal-awditu.
- Emendi fl-istatut
- Punti ohra li jkunu avzati tal-inqas xahar qabel id-data tal-laqgha.
- Elezzjoni tal membri tal-kumitat ***( Amendat 06.04.14)***
- Elezzjoni ta' zewg delegate ghall-ASA ( Added on 29.09.02)

64 Din il-laqgha ghandha tinzamm mhux aktar tard minn erba xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja. ***( Amendat 06.04.14)***

65 Kull membru li jkun ilu membru tal-anqas tnax il-xhar mid-data ta'l-ahhar sena finanzjarja u jkun ukoll hallas il-mizata tas-sena kurrenti ghandu dritt ghal vot fil-laqgha generali. Membri ohra, ghalkemm ghandhom dritt jatttendu ghal-laqgha generali anwali u jinghaddu ghal raguni ta' quorum, ma jkunux jistghu jivvotaw. ( Amended 20.05.2012)

66 Il-quorum ghall-laqgha general hu ta' hmistax (15) membru. Biss jekk fil-hin appuntat ma jkunx hemm quorum, il-laqgha tigi posposta ghal nofs siegha wara meta l-membri prezenti jitqiesu ghala quorum bizzejjed biex il-laqgha tinzamm.

67 Is-segretarju ghandu jivverifika li kull persuna prezenti hija membru u li tkun halset il-mizati dovuti. Lista ta' kull minn attenda ghandha wkoll tinzamm mill-istess segretarju u nkluzu fil-minuti

68 Il-president tal-club ghandu jmexxi il-laqgha generali. Fl-azzenza tieghu dan id-dover jaqgha fuq il-vici president u warajh is-segretarju.. Jekk hadd minn dawn ma jkun prezenti, il-membru l-aktar anzjan tal-kumitat ghandu jiehu f'idejh it-tmexxija tal-laqgha.

69 Kull decizjoni (barra emendi fl-istatut) fil-laqgha ghandha tittiehed b'vot semplici u bil wirja tal-idejn kemm il-darba, il-president tal-laqgha, fuq talba min tal-inqas 10 fil mija tal-membri prezenti, ma jiddecidiex li ghandha tittiehed b-vot sigriet.

70 Emendi fl-istatut jigu decizi b-maggoranza ta' zewg terzi tal-membri prezenti.

71 F-kaz ta'parita fil-voti, il-president ghandu dritt juza l-vot ta' sparigg (casting vote)

72 Kull proposta li titressaq ghal decizjoni quddiem il-laqgha generali u ma tghaddix, ma tistax terga titressaq qabel laqgha generali ohra.

## Id-Disa Taqsima — Laqgha Generali Straordinarja

73 Kull laqgha li ma tkun laqgha generali anwali ghandha tissejjah Laqgha Generali Straordinarja.

74 Din il-laqgha tista' tissejjah:

- Fuq decizjoni tal-kumitat
- Fuq applikazzjoni bill-miktub minn 20 fil-mija tal-memberi bi dritt ghal-vot

75 Hu l-obligu tas-segretarju li jorganizza laqgha straordinarja, sija jekk mitlub mill-kumitat kif ukoll mill-memberi.

76 Laqgha General Straordinarja ghandha tinzamm mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-wasla tat-talba bil-miktub lis-segretarju.

77 Jekk, fuq talba tal-membi, is-segretarju ma jipprocediex biex izomm il-laqgha mitluba fiz-zmien stipulat, il-membri nfushom ikollhom id-dritt li-jzommu din il-laqgha huma stess.

78 F'kaz li l-laqgha general tigi organizzata mill-membri l-ispejjez ta' din il-laqgha jithallsu xorta mil-club.

79 Kull membru li ghandu dritt ghall-vot ghandu jircievi stedina u jkollu dritt li jivvota f'din il-laqgha. Il-fatt li xi membru ma rceviex l-istediena, ghal kwalunkwe raguni, ma jhassarx id-decizzjonijiet mehuda f'din il-laqgha.

80 Notifa ta' laqgha bhall din trid tintbghat bil-miktub lill-membru mhux aktar tard minn 15 il-gurnata qabel id-data appuntata ghall-laqgha.

81 Il-quorum necessarju jkun 15 il-memberu. Jekk fil-hin appuntat ma jkunx hemm quorum, il-laqgha tigi posposta ghal nofs siegha wara, u l-membri prezenti jkun jikkonstitwixxi il-quorum necessarju biex tinzamm laqgha valida.

82 Decizzjonijiet mehuda fl-laqgha general straordinarja jigi decizi b'maggoranza ta' zewg terzi.

83 Il-regoli rigward presidenza tal-laqgha hi l-istess bhall dik ta' laqgha generali anwali.

84 Ir-regoli rigward il-mod ta' votazzjoni w casting vote huwa wkoll l-istess bhall dik ta' laqgha generali anwali.

**L-GhaxarTaqsima Elezzjoni tal-Kumitat**

85 Il-membri prezenti fil-laqgha generali ghandhom jahtru Kummisjoni Elettorali ta' mhux anqas minn zewg membri biex tmexxi il-hatra ta' kumitat gdid.

86 L-ebda kandidat ghall-kumitat ma jista jkun membru ta' din il-kummisjoni.

87 Kull membru tal-club jista johrog ghall-elezzjoni tal-kumitat dment li jkun nominat minn tal-inqas zewg membri. ( Amended on 29.09.02)

88 Kull nominazzjoni ghandha tasal ghand is-segretarju fuq il-formoli mahruga apposta, u ffirmata mill-kandidat innifsu biex juri l-accettazzjoni tieghu ghan-nomina.

89 Kull formola ta’ nominazzjoni ghandha jkollha wkoll dikjarazzjoni mill-kandidat li hu konxju ta’ kull regolament fl-istatut tal-club u li hu jintrabat li jirrispetta dawn ir-regolamenti.

90 Kull nominazzjoni ghandha tasal ghand is-segretarju tal-inqas tliet ijiem qabel id-data tal-laqgha generali.

91 Is-segretarju ghandu jaghti lill-kummissjoni lista tal-membri kollha prezenti u bizzejjed karti tal-vot biex kullhadd jivvota.

92 Il-karta tal-vot ghandu jkollha l-isem ta’ kull kandidat f’ordni alfabetika.

93 Il-kummissarji ghandhom jinizjalaw kull karta tal-vot li titqassam.

94 Meta tiftah il-votazzjoni din ghandha tibqa sejra sakemm kull membru prezenti jkun tefa’ l-vot tieghu.

95 Il-voti ghandhom jintefghu f’kaxxa apposta li tkun that il-harsien tal-kummissjoni.

96 Kull membru jivvota billi jaghmel salib magenb il-kandidati preferuti tieghu.

97 Vot ma jkunx validu jekk:

- Ikollu inqas jew aktar minn seba’ slaleb
- Tkun immarkata mill-votant b’xi mod li tista tidentifa lill-istess votant
- Ma jkunx sar fuq karti tal-vot mahruga u inizjalati mill-kummisjoni.

98 Malli tispicca l-votazzjoni, il-kaxxa ghandha tinhareg quddiem il-membri, fejn tinfetah u jibda l-ghad tal-voti.

99 Malli jispicca l-ghadd tal-voti il-kummissjoni ghandha immedjatament tipprepara u taqra quddiem il-membri rapport li jispecifika:

- Il-numru ta’ votanti
- In-numru ta’voti invalidi
- Il-voti li gab kull kandidat
- Il-lista tal-membri eletti.

100 Wara li jinqara, dan ir-rapport, iffirmat minn kull kummissarju ghandu jinghata lis-segretarju biex jifforma parti mill-minuti ta' dik il-laqgha.

101 Kull kwistjoni li tista' tinqala dwar il-validita ta' l-elezzjoni ghandha tigi ndirizzata bil-miktub fi-zmien 48 siegha mill-publikazzjoni tar-rizultat, lill-kummissjoni elettorali, li minn naha taghha ghandha, fl-imkien mal-avukat tal-club, tiddeciedi fuq il-kwistjoni u taghti risposta fi zmien gimgha mill-wasla tal-protest.

**Il-Hdax Taqsima Xoljiment**

102 Ix-xoljiment tal-Club jista' jigi deciz biss minn laqgha straordinarja msejha apposta.

103 Biex tghaddi proposta ta' xoljiment, din trid iggib maggoranza ta' mhux anqas minn 50 fil mijja u wiehed tal-membri kollha tal-club li ghandhom id-dritt tal-vot.

104 F'kaz li proposta ta'xoljiment iggib il-maggoranza necessarja, il-membri prezenti ghandhom jiddeciedu lill minn mill-organizzazzjonijiet filantropici maltin ghandhom jghaddu l-assi tal-club.

105 Ikun id-dover tal-kaxxier li fl-laqgha ta' din ix-xorta jipprezenta rendikont finanzjarju finali akkompanjat minn certifikat tal-awditur.

106 L-organizzazzjoni filantropika li tircievi l-assi tal-club ghandha tkun obligata li fi zmien gimgha mill-ghotja tippublika f'talanqas zewg gazzetti lokali nota ta' ringrazzjament u dan halli l-membri jkollhom sodisfazzjoni li x-xewqa taghhom giet maqtugha.

Ffirmat (membri tal-kumitat ezistenti).